**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 28 ta' Frar 2002.**

**Pulizija**
**Spettur Silvio Valletta**

**Vs**

**Kevin Falzon**
**Brian Agius**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kevin Falzon, ta' 21 sena imwieled Pieta' fit-23 ta' Mejju 1979 bin Jimmy u Connie nee' Cassar u residenti Blk. 4, Flat 12, Triq id-Deheb Fin, Hal Qormi, ID 258979 (M);

U kontra Brian Agius ta' 21 sena imwieled Pieta' bin Michael u Tessie nee' Agius u residenti Flat 2, Entratura E, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi, ID 490478(M);

Talli fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Marzu 1999 mill-Marsa serqu vettura tat-tip Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni KAP257 liema serq huwa

kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur, bil-hin u bil-mezz ghad-detriment ta’ Ronnie Agius mill-Marsa;
Kif ukoll talli fl-istess zmien, hin, lok u fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli u cioe’ hsarat fil-vettura Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni KAP257, liema hsar tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin (Lm50), izda anqas minn hames mitt lira maltin (Lm500) u li saret ghad-detriment ta’ l-istess Ronnie Agius.

Talli fil-lejl ta’ bejn l-21 u 22 ta’ April 1999 minn Hal Qormi serqu vettura tat-tip Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni LAJ 651 liema serq huwa kwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur, bil-hin u bil-mezz ghad-detriment ta’ Noel Borg mill-Marsa.

Kif ukoll talli fl-istess zmien, hin, lok u fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ hsarat fil-vettura Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni LAJ 651, liema hsara tammonta ghall-aktar minn hamsin lira maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira maltin (Lm500) li saret ghad-detriment ta’ l-istess Noel Borg.

Talli fil-lejl ta’ bejn it-22 u 23 ta’ April 1999 minn Bugibba serqu stereo tal-ghamla “La Boss” u “steering wheel” liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Joseph Spiteri minn Bugibba.

Kif ukoll talli fl-istess zmien, hin, lok u fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ hsarat fil-vettura Ford Cortina bin-numru tar-registrazzjoni GAE 158, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin izda anqas minn hames mitt lira maltin u li saret ghad-detriment ta’ l-istess Joseph Spiteri.

Talli bil-lejl ta’ bejn it-22 u 23 ta’ April 1999 minn Bugibba serqu stereo tal-ghamla “Clarion” u “mobile phone” tal-ghamle NEC liema serq huwa

kwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Kynan Muscat Scerri.

Kif ukoll talli fl-istess zmien, hin, lok u fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' hsarat fil-vettura Land Rover bin-numru tar-registrazzjoni BAT049, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira maltin u li saret ghad-detriment ta' l-istess Kynan Muscat Scerri.

Talli fil-lejl ta' bejn it-22 u t-23 ta' April 1999 minn Bugibba serqu chain-saw tal-ghamla Ryobi u chaser tal-ghamla mhux maghrufa liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Anton Schembri.

Kif ukoll talli fl-istess zmien, hin, lok u fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' hsarat fil-vettur Isuzu bin-numru gtar-registrazzjoni JAF 486, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira maltin (Lm500) u li saret ghad-detriment ta' l-istess Anton Schembri.

Talli fil-lejl ta' bejn it-22 u 23 ta' April 1999, minn San Pawl il-Bahar, serqu stereo tal-ghamla "Nakoya" liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta' Marian Frances Tabone.

Kif ukoll talli fl-istess zmien, hin, lok u fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsarat fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAA 794, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira Maltin u li saret ghad-detriment ta' l-istess Marian Frances Tabone.

Talli fil-lejl ta’ bejn it-23 u 24 ta’ April 1999 mill-Gzira serqu stereo tal-ghamla “Pioneer” u zewg speakers “Pioneer” liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Jason Amato.

Kif ukoll tali fl-istess zmien, hin, lok u fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ hsarat fil-vettura Citroen bin-numru tar-registrazzjoni IAU457, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira maltin (Lm500) u li saret ghad-detriment ta’ l-istess Jason Amato.

Talli fil-lejl ta’ bejn it-23 u l-24 ta’ April 1999 mill-Imsida serqu stereo tal-ghamla “Trevi” liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Peter Zammit.

Talli fil-lejl ta’ bejn it-23 u l-24 ta’ April 1999 minn San Giljan serqu stereo tal-ghamla “Pioneer” liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Anton Gambina.

Kif ukoll talli fl-istess zmien, hin, lok u fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ hsarat fil-vettura Fiat bin-numru tar-registrazzjoni LJG001, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira maltin (Lm500) u li saret ghad-detriment tal-istess Anton Gambina.

Talli fil-lejl ta’ bejn it-23 u l-24 ta’ April 1999 mill-Iklin serqu stereo tal-ghamla “Pioneer” u zewg speakers “Pioneer” liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Saryo Fenech.

Kif ukoll talli fl-istess zmien, hin, lok u fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u

cioe’ hsarat fil-vettura Land Rover bin-numru tar-registrazzjoni JAF345, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt lira maltin u li saret ghad-detriment ta’ l-istess Saryo Fenech.

Talli f’dawn l-ahhar xhur f’Malta, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement, b’kull mod li jkun indahhlu biex ibieghhom jew imexxuhom.

Wara li rat l-Artikoli 18, 261(b)(c)(f)(g), 263, 270, 271(g), 278, 279, 280, 18, 325, 334 tal-Kapitolu 9;

Ikkonsidrat:

Illi l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-akkuzi kollha addebitati lill-imputati odjerni ma’ jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputati hatja ta’ dak kollu li bih jew akkuzati.

Illi l-imputati ghazlu illi ma’ jixdhux u l-anqas ma’ hadu jew accettaw l-opportunita’ li ttiehom il-ligi u li jtellgh in difeza, il-provi taghhom.

Illi l-lista tax-xhieda esperti, kkonfermata mix-xhieda tad-derubati u msahha b’dik tal-Ufficjali tal-Pulizija li, fil-mument propizzju, sabu liz-zewg imputati “in flagrante” in pussess tar-rifurta ezebita u, posittivament, identifikata kif ukoll, issupportata mix-xhieda ta’ l-identita’ ta’ l-istqarrijiet volontarji taz-zewg imputati, fejn, inkondizzjonalment u volontarjament, ammettew ir-responsabbilita'’taghhom, ma'’thalli lil din il-Qorti ebda dubbju ragonevoli dwar ir-reita’ taz-zewg imputati odjerni. Aktar u aktar meta, ghal darba’ohra ripetuta, l-imputati naqsu milli jivvantaggaw irwiehhom mill-opportunita’ li jtellghu in difersa, xhieda taghhom. Din il-Qorti tinsab moralment konvinta illi dawn l-imputati kisru l-ligi, ezattament, kif huma akkuzati li ghamlu mill-Prosekuzzjoni.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda ssib l-imputati hatja ta' serq, kif akkuzati, l-akkuzi ta' hsara volontarja assorbiti fl-akkuzi ta' serq. Tilliberahom mill-akkuza ta' ricettazzjoni, li huwa reat alternattiv ghal dak ta' serq.

Illi anke l-akkuza li kkommetew reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Awla 14) tat-22 ta' Jannar 1998, giet realment ipprovokata billi:

i) gie ippruvat sufficjentement, it-twettieq ta' reati mill-imputati fiz-zmien operattiv tas-sentenza sospiza.

ii) giet ipprezentata kopja awtentikata tas-sentenza in ezami.

iii) Giet ikkonfermata bil-gurament din is-sentenza mill-Ufficjal prosekutur originali jew ahjar, il-Prosekuzzjoni giet ezentata mid-difiza sabiex ittella' din il-prova.

Fir-rigward tal-piena, il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali mimlija ta' l-imputati ghandha dan x'tikkumenta.

i) Minn tfulithom, l-imputati nfexxew f'hajja kriminali sfrenata ghad-detriment tas-socjeta' illi bl-atti ta' kriminalita' zghira taghhom, kienet nieqsa s-serenita' u trankwilita' dovuta.

ii) Illi mghotija diversi opportunitajiet ta' riforma, dawn iz-zaghazagh, minn jeddhom, ghazlu li jisfidaw u, ghalhekk dawru wicchom ghal kull id ta' ghajnuna lilhom offruta.

iii) Illi, llum, ghalhekk, jisthoqilhom, li jigu puniti bil-prigunerija stante illi ppersegwitaw f'din il-hajja refrattarja taghhom.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tikkundannahom tmintax-il-xahar (18) prigunerija kull wiehed u tordna wkoll illi tibda topera is-sentenza ta'

tmintax-il-xahar (18) prigunerija moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Awla 14) moghtija fit-22 ta' Jannar 1998.

Din il-Qorti qeghda wkoll tordna illi l-imputati jhallsu l-ispejjez ta' l-esperti, a tenur tal-artikolu 533.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza liz-zewg imputati.

MAGISTRAT.